# Verbi bl-ewwel radikali "W"

Mons. Lawrenz Cachia

Verbi bl-ewwel radikali W jinqasmu fi tnejn. Fl-ewwel taqsima hemm dawk tat-tieni u t-tielet forma, jew xi forma oħra mnissla, u magħhom il-kwadrilitteri. Fit-tieni taqsima hemm il-verbi trilitteri tal-ewwel forma. Dawk imnissla u l-kwadrilitteri ma joħolqu ebda problema, għaliex iżommu l-ewwel radikali dejjem. Iżda dawk trilitteri tal-ewwel forma jwaqqgħu dik ir-radikali fil-preżent/imperfett u fl-imperattiv. Hekk minn **wasal** nagħmlu: **nasal**, **tasal**, **jasal**, eċċ. filwaqt li minn wieġeb nagħmlu: **inwieġeb**, **twieġeb**, **iwieġeb**, eċċ. Il-verbi trilitteri tal-ewwel forma jerġgħu jinqasmu fi tliet kategoriji:

Fl-ewwel kategorija hemm il-verbi tal-ewwel forma li għandhom l-ewwel radikali W u fil-preżent iwaqqgħu l-ewwel radikali, u jieħdu l-ewwel vokali qasira:

| | |
|---|---|
| waqa' | naqa' |
| wasal | nasal |
| weħel | neħel |
| wiled | niled |
| wiret | niret |
| wiżen | niżen |

Fit-tieni kategorija hemm il-verbi *weġa'* u *wera*, li fil-preżent/imperfett u fl-imperattiv jieħdu l-ewwel vokali U twila. Minn *weġa'* nagħmlu **nuġa'**, **tuġa'**, **juġa'**. Hawn wieħed irid jiftakar li l-vokali U timxi ħafna u toqrob lejn il-ħoss tal-konsonanti W, u għalhekk f'dawn il-verbi, għalkemm l-ewwel radikali taqa', donnha ma titlaqx għalkollox u għalhekk il-vokali U tinħass twila.

Ta' min iżid li l-verb *wera* llum huwa verb tal-ewwel forma għalkemm oriġinarjament kien ġej mill-verb *ra*, bir-radikali R-alif-J.

Fl-aħħar kategorija hemm il-verb *waqaf*, li fil-preżent/imperfett u fl-imperattiv għandu l-ewwel vokali IE, li dejjem hija twila: **nieqaf**, **tieqaf**, **jieqaf**.

Għaliex dan il-verb (*waqaf*) ma jimxix fuq sieħbu *waqa'*? Raġuni ċara ma nistax insib, iżda hemm biss suġġeriment li nista' nagħmel, u dan hu li l-verb *waqaf* mexa fuq l-analoġija tal-verb *kiel* u *ħa(d)* għalkemm dawn kellhom l-ewwel radikali mhux W imma Alif. Għalhekk bħalma ngħidu u niktbu **nieħu**, **tieħu**, **jieħu**, u **niekol**, **tiekol**, **jiekol**, hekk ngħidu u niktbu **nieqaf**, **tieqaf**, **jieqaf**.

**Il-verb *ibbies***

Fil-Malti nsibu l-verb tat-tieni forma *webbes*, bl-ewwel radikali W; iżda nafu li storikament dik l-ewwel radikali kienet J. Hu x'inhu, fid-disa' forma l-ewwel radikali (J/W) ma waqgħetx iżda nbidlet mal-konsonanti B u saret tixbah lit-tieni radikali: mela i*bbies* flok i*wbies*/i*jbies*. Dawk li kitbu li *(i)bbies* huwa tat-tieni forma żbaljaw għax la jaqbel fl-għamla u lanqas fit-tifsir mal-verbi tat-tieni forma.